# GĦINNI, MULEJ!

*Għalissa xejn mhu tqil u morr għalija,*
*U kollox jidher ħelu u sabiħ;*
*'Mma għad żmien jiġi meta nħoss ġo fija*
*Li kollox spiċċa, kollox tar mar-riħ.*

*Forsi ma nkunx irrid infittex ħlewwa*
*Fil-ħwejjeġ li issa jidhru hekk ħelwin,*
*U forsi nibda nara kerha s-sewwa,*
*U forsi nara ħżiena lit-tajbin.*

*Minn issa nħoss li hemm miktub f'dil-ħajja*
*Għalija swied il-qalb fiż-żmien li ġej;*
*Minn issa, għalkemm żgħir, inħossha l-***għeja***,*

*Inħoss il-kesħa f'dan ir-riħ l' għaddej.*
*Għalhekk, Mulej, kun Int l-għajnuna tiegħi,*
*Issa w imbagħad, Mulej, erfa' l-piż miegħi.*

5. 3. 45. ANTON AZZOPARDI.